**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0477/2022**

18.10.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtil omofobiku reċenti fis-Slovakkja
(2022/2894(RSP))

**Vladimír Bilčík, Frances Fitzgerald**
f'isem il-Grupp PPE
**Cyrus Engerer, Gabriele Bischoff, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Marc Angel, Pina Picierno, Evin Incir, Sylvie Guillaume, Thijs Reuten, Brando Benifei, Katarina Barley, Pierfrancesco Majorino, Theresa Muigg, Matjaž Nemec, Javier Moreno Sánchez, Massimiliano Smeriglio**
f'isem il-Grupp S&D
**Michal Šimečka, Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Anna Júlia Donáth, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Martin Hojsík, Sophia in 't Veld, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Michal Wiezik**
f'isem il-Grupp Renew
**Terry Reintke**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Malin Björk**
f'isem il-Grupp The Left

**B9-0477/2022**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtil omofobiku reċenti fis-Slovakkja (2022/2894(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Karta"),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI[1] ("id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi"),

– wara li kkunsidra l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Evalwazzjoni (SWD(2022)0180)[2], u s-Sommarju Eżekuttiv[3] tagħha tat-28 ta' Ġunju 2022,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Ewropa aktar inklużiva u protettiva: l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda" u l-anness rispettiv tagħha (COM(2021)0777),

– wara li kkunsidra r-riżultati tal-istħarriġ dwar l-LGBT fl-UE li tnieda mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fl-2019,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala "Żona ta' Libertà LGBTIQ"[5],

[1] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.
[2] https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/law/swd_2022_179_evaluation_rep_en.pdf
[3] https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/law/swd_2022_180_resume_evaluation_rep_en.pdf
[4] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.
[5] ĠU C 474, 24.11.2021, p. 140.

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-20 ta' Mejju 2022 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda (CM/Rec(2022)16)[6],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-31 ta' Marzu 2010 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru (CM/Rec(2010)5)[7] u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-2020[8],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali Nru 15 tal-Kummissjoni Ewropea Kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda[9],

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-ECRI ta' Monitoraġġ għal kull Pajjiż dwar ir-Repubblika Slovakka[10],

– wara li kkunsidra l-Kumment dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, bit-titolu "Pride vs. indignity: political manipulation of homophobia and transphobia in Europe" (Kburija vs indinjità: manipulazzjoni politika tal-omofobija u tat-transfobija fl-Ewropa)[11],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa wara ż-żjara tiegħu fir-Repubblika Slovakka mill-15 sas-17 ta' Ġunju 2015,

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-2022 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt,

– wara li kkunsidra l-istudju tal-20 ta' Mejju 2022, tad-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni, bit-titolu "Right-wing extremism in the EU" (Estremiżmu tal-lemin fl-UE)[12],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ottubru 2022, fiċ-ċentru ta' Bratislava, fis-Slovakkja, raġel armat radikalizzat tal-lemin estrem, ispirat minn terroristi suprematisti bojod, qatel brutalment żewġ żgħażagħ, Matúš Horváth u Juraj Vankulič, u darab persuna oħra; billi l-isparatura seħħet barra l-gay bar magħruf sew Tepláreň, wieħed mill-ftit postijiet LGBTIQ+ fil-belt; billi l-isparatura kienet attakk intenzjonat u ppjanat immirat b'mod espliċitu lejn il-komunità LGBTIQ+ u l-intenzjoni kienet li joqtol aktar persuni, inklużi uffiċjali għolja; billi l-pulizija Slovakka kklassifikat l-att bħala attakk terroristiku u l-

[6] https://search.coe.int/cm/Pages/result_details.aspx?ObjectId=0900001680a67955#_ftnref1
[7] https://search.coe.int/cm/Pages/result_details.aspx?ObjectId=09000016805cf40a
[8] https://search.coe.int/cm/Pages/result_details.aspx?ObjectId=09000016809f9ba0#_Toc2764960
[9] https://rm.coe.int/ecri-general-policy-recommendation-no-15-on-combating-hate-speech/16808b5b01
[10] https://rm.coe.int/ecri-6th-report-on-the-slovak-republic/1680a0a088
[11] https://www.coe.int/en/web/commissioner/-/pride-vs-indignity-political-manipulation-of-homophobia-and-transphobia-in-europe?inheritRedirect=true
[12] Study - "Right-wing extremism in the EU" (Studju - Estremiżmu tal-lemin fl-UE), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 20 ta' Mejju 2022.

investigazzjonijiet għadhom għaddejjin; billi jekk jiġi kkonfermat bħala attakk terroristiku, dan ikun l-ewwel attakk terroristiku kontra l-komunità LGBTIQ+ fl-UE;

B. billi l-qattiel, student radikalizzat ta' 19-il sena minn Bratislava, kien maħrub sigħat wara l-attakk; billi huwa kkomunika b'mod attiv dwar l-inċident qabel, matul u wara l-isparatura permezz ta' diversi kanali tal-media soċjali differenti; billi fuq il-kont tiegħu, ftit sigħat qabel l-isparatura, deher manifest antisemitiku u kontra l-LGBTIQ+; billi l-istess kont juri l-allegat qattiel barra l-bar Tepláreň f'nofs Awwissu 2022; billi nofs siegħa wara l-qtil, sid il-kont, fuq Twitter, ippostja "hatecrime" (reat ta' mibegħda), "gaybar" u "feeling no regrets" (m'jien inħoss ebda dispjaċir); u ftit qabel nofsillejl, fuq il-kont kien hemm: "bye, see you on the other side" (ċaw, narakom id-dinja l-oħra); billi l-istudent radikalizzat ta' 19-il sena deher fuq ritratti li jorbtuh mal-ideoloġija u mal-moviment antifemministi u misoġini internazzjonali "incel";

C. billi l-komunità LGBTIQ+ fis-Slovakkja ġiet soġġetta għal retorika u vjolenza mkebbsa mill-mibegħda, xprunati wkoll minn ħafna politiċi Slovakki; billi l-attakki verbali u fiżiċi fuq il-komunità LGBTIQ+ fis-Slovakkja spiss ikunu mifruxa, u l-persuni LGBTQI+ ma jistgħux iħossuhom sikuri u aċċettati mis-soċjetà; billi wara l-event traġiku, fuq il-media soċjali, dehru kummenti ta' mibegħda li jiġġustifikaw jew jirridikolaw il-qtil;

D. billi l-klima ta' mibegħda, intolleranza u intimidazzjoni lejn il-komunità LGBTIQ+ fis-Slovakkja ġiet ikkultivata mhux biss minn movimenti tal-lemin estrem u estremisti, iżda wkoll minn rappreżentanti tal-knisja u mill-elit politiku, li spiss appellaw għal aktar restrizzjonijiet fuq il-persuni LGBTIQ+ fid-dikjarazzjonijiet tagħhom; billi f'Ġunju 2014, il-Kunsill Nazzjonali emenda l-kostituzzjoni tal-pajjiż biex iċaħħad b'mod espliċitu lill-koppji tal-istess sess mid-dritt li jiżżewġu u mill-protezzjonijiet legali sussegwenti; billi, fi Frar 2015, sar referendum kontra l-LGBTIQ+ wara li l-grupp konservattiv appoġġat mill-knisja, Alleanza għall-Familja, ġabar 400 000 firma b'appell għal votazzjoni dwar leġiżlazzjoni aktar stretta kontra l-persuni LGBTIQ+; billi f'Mejju 2022 membru tal-partit tal-koalizzjoni fil-gvern ippropona liġi bl-għan li l-bandiera qawsalla tiġi pprojbita fil-bini tal-istat u pubbliku; billi f'Settembru ġiet introdotta proposta leġiżlattiva oħra mill-membri tal-parlament, li tfittex li tipprojbixxi kull referenza għall-komunità queer fl-iskejjel, fir-reklami u fuq it-televiżjoni; billi ma hemm l-ebda edukazzjoni komprensiva, obbligatorja u adattata għall-età dwar ir-relazzjonijiet u s-sess fl-iskejjel Slovakki;

E. billi nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru 2022, għadd kbir ta' persuni, inklużi l-President u l-Prim Ministru Slovakki, inġabru fi Bratislava għal marċ bl-għan li tiġi kkundannata l-mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ+; billi ġew organizzati eventi simili fil-pajjiż kollu u f'diversi Stati Membri oħra biex issir kampanja għad-drittijiet tal-komunità LGBTIQ+ fis-Slovakkja; billi l-President tas-Slovakkja tenniet l-appell li ilha tagħmel lill-politiċi biex ma jxerrdux il-mibegħda; billi għall-ewwel darba l-Palazz Presidenzjali tella' bandiera qawsalla ħdejn il-bandiera Slovakka u l-bandiera Ewropea u l-Uffiċċju tal-Parlament xegħel il-kastell ta' Bratislava biex jikkommemora l-vittmi tal-qtil;

F. billi reat immotivat minn preġudizzju, magħruf bħala reat ta' mibegħda, jaffettwa mhux biss lill-individwi fil-mira iżda wkoll lill-komunitajiet u lis-soċjetajiet kollha kemm huma; billi l-Istati Membri għandhom obbligu pożittiv li jiżguraw li d-drittijiet għad-

dinjità tal-bniedem, għall-integrità, għall-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew kastig inuman jew degradanti jiġu protetti u infurzati fil-prattika;

G. billi hemm normalizzazzjoni dejjem tikber tar-retorika ta' esklużjoni u ta' stigmatizzazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ+ bbażata fuq il-preġudizzju, li twassal għal vjolenza u diżumanizzazzjoni addizzjonali u twassal biex it-trasgressuri jħossuhom ħielsa mill-ħtija kif ukoll mingħajr inibizzjonijiet;

H. billi t-tieni stħarriġ dwar l-LGBTI fl-UE li sar fl-2019 wera stampa skoraġġanti fl-UE fir-rigward tad-diskriminazzjoni tal-persuni LGBTIQ+, bi progress skars fis-snin mill-ewwel stħarriġ dwar l-LGBTI fl-2012; billi fl-2019 diġà kien hemm tnaqqis meta mqabbel mal-2012 fl-għadd ta' persuni li rrapportaw inċident ta' attakki fiżiċi jew sesswali lill-pulizija, liema attakki huma t-tip ta' inċident l-aktar frekwenti mmotivat mill-mibegħda; billi fir-Repubblika Slovakka l-perċentwal ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ u li esperjenzaw attakk immotivat mill-mibegħda kien ta' persuna minn kull għaxra; billi l-ECRI, fir-rapport tagħha ta' monitoraġġ għal kull pajjiż tal-2020 dwar ir-Repubblika Slovakka, iddikjarat li l-istudji jissuġġerixxu li madwar 1-8 % tal-popolazzjoni fir-Repubblika Slovakka huma LGBTI; billi l-ECRI rrikonoxxiet ir-rwol tal-politika fit-tisħiħ tar-retorika kontra l-LGBTIQ+, jiġifieri permezz ta' kampanji kontra l-LGBTIQ+, bidla kostituzzjonali li tipprevjeni żwieġ ugwali u inizjattivi politiċi oħra li jiddiskriminaw b'mod miftuħ kontra l-persuni LGBTIQ+; billi l-ECRI nnotat b'dispjaċir id-dinamika negattiva f'dawn l-aħħar snin, flimkien mal-progress limitat fil-qasam tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ+;

I. billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qatgħet għadd ta' sentenzi reċenti f'każijiet relatati ma' reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+: il-kawża *Stoyanova* vs *il-Bulgarija*, dwar il-qtil makabru ta' raġel omosesswali ta' 26 sena f'park pubbliku, fejn il-Bulgarija ġiet mitluba tirriforma l-Kodiċi Kriminali tagħha biex tirrikonoxxi tali reati vjolenti (immotivati minn orjentazzjoni sesswali perċepita jew reali) bħala "aggravati"[13]; il-kawża ta' *Sabalić* vs *il-Kroazja* rigward reat ta' mibegħda kontra mara leżbjana, li tirrikonoxxi li, dment li l-awtoritajiet ma jadottawx pożizzjoni stretta, inċidenti mmotivati mill-preġudizzju jintlaqgħu b'indifferenza li hija ekwivalenti għal kunsens uffiċjali għar-reati ta' mibegħda jew saħansitra kompliċità f'tali reati[14]*;* u fil-kawża *Beizaras & Levickas* vs *il-Litwanja*, li tirrikonoxxi obbligu pożittiv f'isem l-istat li jinvestiga kummenti omofobiċi online li kkostitwew inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza[15];

J. billi fl-2022, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta rakkomandazzjoni dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u bħalissa qed iħejji rakkomandazzjoni dwar il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda għall-2023; billi l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fl-2010 adotta rakkomandazzjoni storika għall-Istati Membri dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru;

K. billi, fl-2021, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa wissa

[13] https://hudoc.echr.coe.int/eng?i=001-217701, 79.
[14] https://hudoc.echr.coe.int/eng?i=001-207360, 95.
[15] https://hudoc.echr.coe.int/fre?i=001-200344, 129.

dwar il-prattika fejn tintefa' l-ħtija fuq minoranzi LGBTIQ+ użata bħala tattika minn politiċi ultrakonservattivi u nazzjonalisti li jagħmluha ta' difensuri tal-hekk imsejħa "valuri tradizzjonali" biex isaħħu l-bażi tagħhom u jiksbu l-poter jew jibqgħu fil-poter; billi dan iqajjem tħassib qawwi dwar il-leġittimizzazzjoni mill-politiċi tal-mibegħda bi bdil ma' gwadann politiku potenzjali; billi skont il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-prattika fejn tintefa' l-ħtija fuq il-persuni LGBTIQ+ hija sintomu ta' oppożizzjoni mifruxa u attakk kontra d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, it-tnejn li huma valuri ewlenin tal-UE;

L. billi r-rapport tal-2022 dwar l-istat tad-dritt ippubblikat f'Lulju 2022 mill-Kummissjoni Ewropea jesprimi tħassib kontinwu dwar il-finanzjament tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-LGBTIQ+ u dwar attakki verbali kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'dawn l-oqsma, kif ukoll dwar l-iżborż ta' finanzjament permezz ta' skemi ta' sussidju pubbliku li jkomplu jeskludu l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq dawn il-kwistjonijiet;

M. billi d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tirrikjedi li l-vittmi ta' reati ta' mibegħda għandhom jirċievu valutazzjoni individwali u li din għandha tidentifika ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni u appoġġ, pereżempju fir-rigward tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom, u tidentifika lill-vittmi ta' reati ta' mibegħda bħala vittmi speċjalment vulnerabbli;

N. billi f'Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill biex id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda jiżdiedu mal-lista ta' reati fl-UE kif ikkodifikat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE, li jirrikjedi unanimità fil-Kunsill; billi l-Ungerija, il-Polonja u ċ-Ċekja għadhom qed jirrifjutaw li jappoġġaw din id-deċiżjoni;

O. billi fl-2020, l-Espert Indipendenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru nnota fil-kuntest tal-pandemija li "d-diskors ta' mibegħda li jinċita l-vjolenza kontra persuni LGBT kien qed jiżdied" u ħeġġeġ lill-istati jipproteġu lill-persuni LGBTIQ+ mill-vjolenza u mid-diskriminazzjoni u jħarrku lill-awturi tar-reati[16]; billi fl-2019, l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diskors ta' Mibegħda identifikaw id-diskors ta' mibegħda bħala "theddida għall-valuri demokratiċi, l-istabbiltà soċjali u l-paċi"[17];

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-att kodard ta' terrur kontra l-komunità LGBTIQ+ u l-qtil ta' Matúš Horváth u Juraj Vankulič imwettaq fis-Slovakkja; jiddeplora dan l-attakk ideoloġikament motivat tal-lemin estrem; jesprimi l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji tal-vittmi;

2. Ifaħħar ir-rispons immedjat, massiv u pożittiv tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini Slovakki għall-qtil, kif espress mid-dimostrazzjonijiet madwar il-pajjiż u lil hinn minnu, u jinsab f'solidarjetà mal-komunità LGBTIQ+ fil-pajjiż;

3. Jikkundanna bil-qawwa, il-forom kollha ta' mibegħda u vjolenza, kif ukoll kwalunkwe

[16] https://www.ohchr.org/en/statements/2020/10/statement-victor-madrigal-borloz-un-independent-expert-protection-against

[17] https://www.un.org/en/genocideprevention/hate-speech-strategy.shtml

attakk fiżiku jew verbali, kontra persuni abbażi tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess tagħhom kemm fis-Slovakkja kif ukoll fl-UE; ifakkar li m'hemmx lok għall-mibegħda, r-razziżmu u d-diskriminazzjoni kontra LGBTIQ+ fis-soċjetajiet tagħna; jitlob li l-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill jieħdu pożizzjoni soda u deċiżiva kontra l-mibegħda, il-vjolenza u l-inġustizzja fl-Ewropa;

4. Jistieden lill-Gvern Slovakk u lill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka juru impenn ġenwin biex jagħmlu progress sinifikanti fil-protezzjoni tal-persuni LGBTIQ+ minn kwalunkwe forma ta' reat ta' mibegħda u omofobija f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunità LGBTIQ+ u jieħdu pożizzjoni pubblika b'saħħitha kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ+;

5. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Slovakki jiġġieldu b'mod effettiv il-kampanji ta' diżinformazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ+, jinkoraġġixxu rapportar fattwali, oġġettiv u professjonali mill-media dwar il-persuni LGBTIQ+ u kwistjonijiet relatati mal-orjentazzjoni sesswali, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess u jinvestigaw ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda kontra l-membri tal-komunità LGBTIQ+ li jgħixu fis-Slovakkja;

6. Jesprimi tħassib serju dwar l-użu frekwenti ta' lingwaġġ offensiv, aggressiv u omofobiku lejn il-komunità LGBTIQ+ fis-Slovakkja, inkluż minn membri preċedenti u attwali tal-gvern u tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka; jappella għall-waqfien ta' aktar polarizzazzjoni tas-soċjetà fis-Slovakkja u għaċ-ċaħda ta' kull forma ta' kooperazzjoni mal-forzi estremisti tal-lemin estrem;

7. Jistieden lill-Gvern Slovakk u lill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka jiżguraw drittijiet ugwali għall-persuni LGBTIQ+ li jgħixu fis-Slovakkja abbażi tal-Karta, filwaqt li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet kollha, b'mod partikolari l-ħajja privata u tal-familja, inkluż ir-rikonoxximent legali ta' koppji tal-istess sess; jitlob li jiġu ffinalizzati d-diskussjonijiet li għaddejjin biex jiġi riformat ir-rikonoxximent legali tal-ġeneru filwaqt li jiġu rispettati l-istandards internazzjonali u Ewropej u jappella għall-adozzjoni rapida tiegħu;

8. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar id-diskriminazzjoni li jsofru l-familji qawsalla u speċjalment it-tfal tagħhom fis-Slovakkja, imċaħħda mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru, jew il-karatteristiċi tas-sess tal-ġenituri jew tas-sħab; jistieden lill-gvern jegħleb din id-diskriminazzjoni u jneħħi l-ostakli kollha li jiffaċċjaw il-persuni LGBTIQ+ meta jeżerċitaw id-dritt fundamentali għal-libertà ta' moviment fl-UE; iħeġġeġ lill-gvern jirrispetta l-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali u Ewropew u jiggarantixxi d-drittijiet fundamentali lill-persuni kollha;

9. Jieħu nota tar-rapport tal-ECRI ta' monitoraġġ għal kull pajjiż dwar ir-Repubblika Slovakka; ifakkar li l-ECRI għamlet diversi rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet Slovakki, bħall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-persuni LGBTI, f'konsultazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili, l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni ġdid għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu, l-omofobija u t-transfobija, b'mod partikolari fil-forma ta' diskors ta' mibegħda, filwaqt li jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizzi tal-

internet u l-operaturi tan-networks soċjali jneħħu malajr u sistematikament id-diskors ta' mibegħda mis-sistemi tagħhom u jgħaddu l-evidenza lill-awtoritajiet ġudizzjarji, u r-reviżjoni tal-Kodiċi Kriminali biex jiżguraw li l-motivi razzisti, omofobiċi jew transfobiċi jkunu "ċirkostanzi aggravanti" għal kwalunkwe reat ordinarju; jappoġġa bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-ECRI u jistieden lill-awtoritajiet Slovakki jimplimentaw il-miżuri minnufih;

10. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-impunità li biha l-gruppi kontra LGBTIQ+, b'mod partikolari l-gruppi estremisti tal-lemin estrem, joperaw f'xi Stati Membri u jenfasizza li dan is-sens ta' impunità huwa fost ir-raġunijiet sottostanti għaż-żieda allarmanti fl-azzjonijiet vjolenti minn ċerti organizzazzjonijiet tal-lemin estrem, u ż-żieda fit-theddid kontra l-minoranzi, inkluża l-komunità LGBTIQ+;

11. Jinsab imħasseb ħafna li l-ġenerazzjonijiet ta' età iżgħar fl-Ewropa u bnadi oħra jħossuhom dejjem inqas imħassba dwar l-istorja tal-faxxiżmu, inklużi l-mibegħda u d-diskriminazzjoni integrati kontra l-persuni LGBTIQ+, il-minoranzi etniċi u l-popolazzjoni Lhudija; jenfasizza li waħda mill-prekundizzjonijiet biex tali delitti ma jitħallewx iseħħu fil-futur hija s-sensibilizzazzjoni tal-istorja u jeħtieġ li din tkun element importanti fl-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet ta' età iżgħar; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi allokat aktar spazju fil-kurrikuli tal-istorja għal tagħlim oġġettiv u fattwali dwar ideoloġiji differenti, il-forom u l-oriġini tagħhom, inkluż il-faxxiżmu, kif ukoll il-konsegwenzi u l-fdalijiet tagħhom fiż-żminijiet preżenti;

12. Jissottolinja li d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda huma mifruxa madwar l-Ewropa kollha u ilhom jiżdiedu matul dawn l-aħħar snin; jissottolinja li d-diskors ta' mibegħda minn personalitajiet pubbliċi, b'mod partikolari l-politiċi, huwa meqjus li jilleġittimizza l-mibegħda minn dawk li jwettquha; iqis li huwa meħtieġ li jiġu indirizzati dawn il-forom ta' espressjoni, li jinċitaw, ixerrdu jew jippromwovu l-mibegħda, u li jmorru kontra l-prinċipji ta' soċjetà demokratika u pluralista; jinsab imħasseb dwar il-prevalenza dejjem tiżdied tar-retorika fobika għal-LGBTIQ+ li toriġina minn partiti tal-lemin estrem, tal-lemin alternattiv u ultrakonservattivi; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi u, b'mod partikolari, lill-awtoritajiet lokali jgħinu biex iwaqqfu l-mewġa ta' intolleranza madwar dawn it-tipi ta' attakki u tipi oħra ta' attakki;

13. Jemmen li l-UE għandha tniedi kampanji kontra n-narrattivi kontra l-LGBTIQ+, inkluż l-estremiżmu tal-lemin fil-livell tal-UE u tiżviluppa u tiffinanzja programmi fit-tul li jappoġġaw l-organizzazzjonijiet lokali fil-livell lokali u l-inizjattivi taċ-ċittadini fil-livell lokali biex tgħin fl-iżvilupp tar-reżistenza tal-popolazzjoni għall-estremiżmu tal-lemin; jistieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza wkoll is-segwitu tan-narrattivi kontra l-LGBTIQ+ fl-isforzi tagħhom ta' diżinformazzjoni;

14. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi biex jiżguraw edukazzjoni li tippromwovi l-valuri ċiviċi tal-aċċettazzjoni, it-tolleranza, id-diversità, l-ugwaljanza u r-rispett dwar kwistjonijiet relatati mal-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess, pereżempju permezz ta' edukazzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni sistematiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem;

15. Jikkundanna bil-qawwa l-gvernijiet fl-Ewropa li jiddependu fuq appoġġ attiv jew passiv minn partiti politiċi tal-lemin estrem u partiti politiċi oħra fobiċi għal-LGBTIQ+ biex

jaċċessaw il-poter u jżommu lilhom infushom fih u biex jilleġittimizzaw in-narrattivi tagħhom;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw lis-soċjetà ċivili fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali biex isaħħu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, peress li dawn għandhom rwol importanti, speċjalment f'dawk l-Istati Membri fejn qed naraw żieda fl-ideoloġija tal-lemin estrem u fid-diskors ta' mibegħda;

17. Jistieden lill-Kummissjoni twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt biex ikopri d-drittijiet fundamentali b'mod sistematiku, inklużi d-drittijiet tal-LGBTIQ+;

18. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jiġġieldu l-mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ+ bil-mezzi kollha possibbli, inkluż billi jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, li jistiednu lill-Istati Membri tiegħu jiżguraw investigazzjonijiet effettivi, fil-pront u imparzjali, kif ukoll il-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli għal tali reati, jirrikonoxxu li motiv ta' preġudizzju relatat mal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru jista' jitqies bħala ċirkostanza aggravanti, jiżguraw li l-vittmi u x-xhieda jkunu mħeġġa jirrapportaw inċidenti motivati mill-mibegħda u li l-istrutturi tal-infurzar tal-liġi jkollhom l-għarfien u l-ħila meħtieġa biex jipprovdulhom assistenza; jistieden ukoll lill-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jiġġieldu l-inċitament għall-mibegħda online;

19. Ifakkar li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-qorti jammonta għal erożjoni tal-istat tad-dritt;

20. Iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta malajr kemm jista' jkun id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-lista ta' reati tal-UE biex tinkludi d-diskors u r-reati ta' mibegħda fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE u jħeġġeġ lill-Ungerija u lill-Polonja jieqfu jimblukkaw l-adozzjoni tagħha, u jħeġġeġ liċ-Ċekja, bħala l-President attwali tal-Kunsill, tieħu passi ulterjuri f'din il-kwistjoni u tilħaq ftehim dwarha mill-aktar fis possibbli;

21. Jissottolinja r-responsabbiltà individwali tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ+ u jfaħħar lil dawk li ddeċidew unilateralment li jtejbu l-livell ta' protezzjoni billi jirrikonoxxu b'mod espliċitu r-raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess bħala "ċirkostanzi aggravanti", kif ukoll għall-iżvilupp ta' appoġġ għall-vittmi, taħriġ jew professjonisti legali u servizzi ddedikati tal-infurzar tal-liġi biex jindirizzaw tali reati; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jiskambjaw l-aħjar prattiki u jmexxu bl-eżempju fil-kwistjoni;

22. Jenfasizza li d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi hija għodda utli fl-għoti ta' assistenza lis-superstiti tal-mibegħda u l-vjolenza; jinnota bi tħassib li l-vittmi LGBTIQ+ spiss ma jirrapportawx reati minħabba nuqqas ta' assigurazzjonijiet jew trasparenza mill-infurzar tal-liġi, nuqqas ta' persunal imħarreġ jew biża' ta' rappreżalji, u jirrikonoxxi li jista' jsir aktar biex tinbena l-fiduċja fl-awtoritajiet pubbliċi;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni,

lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kunsill tal-Ewropa.